Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Talba Numru. 1025/2006

Talba Nru: 1025/06VGD

Salander Group Company Limited (C 33030)

Vs

Phone Direct Limited (C27107)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm885.00c) rapprezentanti prezz ta’ xoghol ta’

stampar ta' 'folders' maghmul fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li minkejja li giet interpellata diversi drabi, naqqset li thallas l-ammont dovut, bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Dicembru 2005 u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 3011/2006 prezentat fit-3 ta' Novembru 2006 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-istess socjeta' konvenuta li hija nguna ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xhieda ta' Saviour Vassallo prodott mis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm885.00c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------